**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 26 ta' Novembru, 2015**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru.1039/2015**

**MSS International Services Limited**
**vs**

**Beluga Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-3 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

1. IIli l-kumpannija rikorrenti ipprestat servizzi professjonali lill-kumpannija intimata, inter alia billi ffurmat kumpannija, irregistrat l-istess kumpannija, ippreparat l-istatut tal-kumpannija (Memorandum and Articles of Association), servizzi ta' due diligence, apertura ta' kontijiet tal-bank mal-HSBC Bank Malta plc, servizzi ta' direttur, servizz ta' indirizz registrat, servizz segretarjali, u pussess ta' ishma;

2. Illi l-kumpannija rikorrenti wara li ghamlet dawn is-servizzi pprezentat zewg fatturi fejn hemm spjegazzjoni dettaljata tas-servizzi rezi, liema fatturi huma hawn annessi u mmarkati Dok. A fl-ammont ta' €5,986 (hamest elef disa' mija sitta u tmenin ewro) u Dok. B fl-ammont ta' €7,206.33 (sebat elef mitejn u sitt ewro u tlieta u tletin centezmu), total ta' €13,192.33 (tlettax-il elf mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tletin centezmu);

3. Illi ghalkemm il-kumpannija intimat giet debtament interpellata biex thallas dan l-ammont dovut, hija baqghet inadempjenti;

4. Illi fil-fehma tar-rikorrenti dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u l-intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba tar-rikorrenti;

5. Illi ghalhekk dan jaghti d-dritt lir-rikorrenti sabiex tipprocedi kontra l-intimata bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed issir;

Tghid ghalhekk il-kumpannija intimata, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-kumpannija intimata hija debitrici tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €13,192.33 (tlettax-il elf mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tlettin centezmu);

3. Tikkundanna li l-kumpannija intimata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €13,192.33 (tlettax-il elf mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tlettin centezmu);

Bl-ispejjez inkluz il-mandat ta' sekwestru, kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma deher hadd ghall-istess socjeta fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Michael Scerri, direttur tas-socjeta attrici fejn ikkonferma illi l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu sallum mhux imhallas u ghalhekk ghadu dovut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' €13,192.33 (tlettax-il elf mija tnejn u disghin ewro u tlieta u tlettin centezmu), rapprezentanti servizzi

professjonali prestati mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur